**2 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A. LL.D.**

Peter Paul Aquilina

*versus*

Paul Vella

**Danni - Inċident Awtomobilistiku - Oneru ta' Prova**

*Minn evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi l-attur ma mexxilux jissodisfa l-livell ta' prova rikjest biex jistabbilixxi r-responsabilita` tal-konvenut.*

Il-Qorti:-

Ikkunsidrat:

Din il-kawża hi dwar ir-responsabbilita` għal inċident stradali li ġara fil-Gudja *By-Pass*. L-attur kien qed isuq van waqt li l-konvenut kien qed isuq trakk. Għall-preċiżjoni, l-inċident ġara fit-triq Dawret il-Gudja, fil-punt fejn din tiżbokka fil-*by-pass*, Triq Ħal Far. Iż-żewġ vetturi kienu qed jiġu misjuqa fl-istess direzzjoni f'dik it-triq biex jidħlu fil-*by-pass*. Huma t-tnejn kienu jinħtiġilhom jieqfu wara *stop sign* miżbugħa fil-kareġġjata flimkien ma' rig kontinwu abjad biex jesploraw it-traffiku fuq l-arterja prinċipali;

Il-provi miġbura huma limitati għax-xhieda tal-kontendenti u kopja ta' l-iskizz u l-*accident report* ippreparati mis-surġent li nvestiga l-każ li ma ġiex pero` prodott bħala xhud. Mhix ikkontestata l-awtentiċita` tad-dokumenti esebiti u minnu redatti. Is-surġent hekk iddeskriva l-inċident fl-okkorrenza:

"Iż-żewġ vetturi kienu ġejjin min-naħa tal-Gudja sejrin lejn iż-Żurrieq. Il-vettura J-2374 (it-trakk) waqfet fuq l-i*stop sign*. F'daqqa waħda ħarġet minn fuq ix-xellug tal-vettura D-1912 (il-van) u saret il-ħabta; waqt li l-vettura (van) D-1912 waqfet fuq l-i*stop sign*, it-trakk numru J-2374 daħal fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura D-1912 u rass mal-van u saret il-ħabta";

Hu immedjatament ovvju minn din l-okkorrenza li fil-verita` ma tagħtix deskrizzjoni ta' kif ġara l-inċident, imma aktar tirreġistra ż-żewġ versjonijiet kontrastanti tas-sewwieqa. Turi illi mill-bidu nett, il-kontendenti, *a tempo vergine* bdew isostnu l-posizzjoni li ħadu f'din il-kawża. Kull parti sostniet allura, kif baqgħet issostni sal-lum, illi kienet hi li l-ewwel laħqet l-i*stop sign* u li waqfet warajh, li kienet il-vettura l-oħra li mhux biss laħqet l-i*stop sign* warajha, imma wkoll laqtitha;

L-okkorrenza allura ma titfa' l-ebda dawl fuq ir-**responsabilita`** ta' l-inċident. Issostni għall-kuntrarju t-teżi tal-parita` fil-versjonijiet mogħtija mis-sewwieqa u abbraċċjata mill-ewwel Qorti;

L-attur xehed illi dakinhar ta' l-inċident hu kien qed isuq il-van Peugeot D-1912 ġol-Gudja *By-Pass* u meta wasal f'tarf it-triq waqaf ma' l-i*stop sign* sabiex jesplora t-triq qabel ma jdur mar-*roundabout* biex jibqa' sejjer għaż-Żurrieq. Kif kien hekk wieqaf ġie l-konvenut minn fuq il-lemin tiegħu u baqa' dieħel fuq il-bieba tal-lemin tal-van. Bħala spejjeż xehed li kellu aktar minn Lm250 iżda llimita l-pretensjoni tiegħu għall-kompenetnza ta' din il-Qorti;

Il-konvenut min-naħa l-oħra jagħti versjoni differenti u xehed li kien hu li wasal l-ewwel fuq l-i*stop sign*. Waqaf biex iħalli xi vetturi jduru mar-*roundabout* u fil-pront ġie l-attur minn fuq ix-xellug u ġibed għal fuq il-lemin fuqu. Il-konvenut qal li l-vettura tiegħu soffriet xi brix ħafif fuq ir-rota u *mudguard* tax-xellug iżda dawna kienu insinjifikanti;

Is-sentenza appellata iddeċidiet li wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ċaħdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu;

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Dawn iż-żewġ versjonijiet huma t-tnejn probabbli fiċ-ċirkostanzi ta' dan l-inċident u l-*isketch* esebit ma jitfa' l-ebda dawl fuq min mill-partijiet qed jgħid il-verita'. L-*isketch* jista' jiġi interpretat fil-kuntest tax-xhieda mogħtija mill-partijiet favur it-teżi ta' kull wieħed u għalhekk għall-fini ta' dan il-ġudizzju hu inkonklussiv. Ma nġabet ebda prova oħra li b'xi mod tista' taqleb il-bilanċ favur teżi jew oħra u għalhekk il-Qorti trid bil-fors tasal għall-konklużjoni li l-attur ma laħaqx dak il-grad ta' prova għall-eżitu favorevoli għal din l-istanza;

Fil-kawża fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker *vs* J. Camilleri** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 1972, il-Qorti qalet li ".... f'kawża ċivili l-attur li jallega li ġratlu ħsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma tistax ikollha eżitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara b'tort ta' l-atturi)";

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet fl-aggravji ta' l-attur appellant u waslet għall-konvinċiment illi ma jokkorrux elementi ta' sostanza mill-provi li jġiegħluha tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti. Hemm infatti żewġ indizji li fit-teorija setgħu kkonfortaw it-teżi attriċi li kieku kienu aktar markatament ipprovati;

L-ewwel indizzju hu l-fatt illi wara l-impatt il-vettura ta' l-attur spiċċat bil-faċċata tagħha ftit 'il quddiem mit-trakk. Mhux preċiż dak li jissottometti l-appellant li l-van tiegħu kienet "quddiem

**ħafna** minn dik ta' l-appellat". L-iskizz juri li spiċċat tul ta' ċirka tliet kwarti ta' *mudguard* - massimu ta' żewġ piedi u nofs quddiem il-vettura ta' l-appellat. Distanza li ma jistax jingħad li mhijiex konfaċenti mal-versjoni ta' l-appellat illi l-van laħaq it-trakk waqt li kien fuq l-*istop sign* u pprova jissorpassah fuq ix-xellug tiegħu. Iż-żewġ versjonijiet huma verosimili u wieħed ma jistax jittanta jakkampa r-responsabbilita` għas-sinistru fuq eżerċizzju millimetriku ta' distanzi. Il-fatt li l-van spiċċa quddiem it-trakk f'distanza hekk ravviċinata, la jfisser illi l-van kien il-ħin kollu qabel il-ħabta **quddiem** it-trakk, u lanqas teskludi l-possibilita` illi ż-żewġ vetturi telqu flimkien minn fuq l-*istop sign* jew li ma kienx possibbli li l-van laħaq it-trakk u pprova jissorpassah;

It-tieni indizju ta' prova hu l-allegazzjoni ta'l-attur illi d-daqqa fil-van tiegħu kienet mill-bieba lura u mhux 'il quddiem. L-appellant jissottometti illi bilfors kien it-trakk li nvesta l-van tiegħu għax il-ħsara sofferta tindika illi t-trakk baqa' dieħel fuq il-ġenb tal-kaxxa tal-lemin tal-van tiegħu u baqa' sejjer u spiċċa fil-bieba ta' quddiem fuq in-naħa tad-*driver*. L-attur għamel din il-prova bix-xhieda tiegħu. Veru li ma kinitx kontradetta mill-konvenut, li jista' jkun li lanqas irrealizza l-portata tagħha. Il-Qorti kienet tistenna illi prova ta' din ix-xorta setgħet ġiet ukoll korroborata bix-xhieda tat-tellar li sewwa l-karozza jew bi prova oħra in kwantu seta' kellha piż għad-determinazzjoni ta' responsabilita`. Apparti dan pero`, il-Qorti tifhem illi anke kieku kellu jiġi konċess bħala pprovat illi l-ħsarat fil-vettura ta' l-appellant kienu kif deskritti minnu, xorta mhux eskluż li dawn setgħu avverraw ruħhom waqt manuvra li fiha l-appellant kien qed jipprova jissorpassa lill-appellat u li l-appellat kien laqat il-van ta' l-appellant waqt din il-manuvra ta' sorpass;

Dan qed jingħad għaliex l-appellant jinvoka favur tiegħu l-

prinċipju tar-*res ipse loquitur* biex jissupplimenta n-nuqqas ta' ċertezza fil-provi minnu prodotti. Dan il-prinċipju pero`, jista' jiġi biss applikat fil-każijiet fejn l-elementi ta' prova li jkunu determinanti biex jistabbilixxu r-responsabilita` jkunu mhux biss effettivament ċerti imma joħorġu minn fatti materjali fuq is-sit tas-sinistru **bla ħtieġa ta' argumentazzjoni jew eżerċizzju ta' ġudizzju** fuq bażi ta' probabilitajiet. Il-kliem stess *res ipse loquitur* jimponu ċertezza u nuqqas assolut ta' ambigwita`. Sitwazzjoni li fil-każ in eżami ċertament ma tirriżultax fir-rigward ta' l-elementi ta' prova li għalihom irrifera l-appellant u li fuqhom straħ. Dawn l-elementi ta' prova mhumiex tali li jikkrejaw preżunzjoni li l-appellat kien *prima facie* responsabbli għall-inċident sal-punt li kien ikun jispetta lill-istess appellat li jiskolpa ruħu. Hu biss f'sitwazzjoni simili li jista' japplika l-prinċipju tar-*res ipse loquitur*. Altrimenti l-prova tibqa' tinkombi fuq l-attur li jallega l-ħtija tal-konvenut. *Onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat*;

*The doctrine (*res ipse loquitur*) was stated to mean that an accident may* ***by its nature*** *be more consistent with its being caused by negligence for which the defendant is reponsible than by other causes and that in such a case* ***the mere fact of the accident*** *is* prim facie *evidence of such negligence. In such a case, the burden of proof is on the defendant to explain and to show that it occurred without fault on his part* (**Cole vs De Trafford** - 1918 q.b. 523);

Fil-każ in eżami ma tokkorrix dik is-sitwazzjoni ta' fatt determinanti li tisposta l-oneru tal-prova **fuq il-konvenut**;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.